MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 257/2004

**Jason Anthony Farrugia**

**vs**

**HSBC Bank Malta plc**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab lis-socjeta’ konvenuta tghid ‘l ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata tirrifondalu s-somma ta’ Lm1,956.86c (elf disa’ mija u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) flus arbitrarjament mehuda mill-kont tieghu numru 050027564002 wara li gie depositat cekk esteru hdax il-xahar qabel u wara li ghaddew it-tmienja u ghoxrin gurnata utli ghal ‘clearance’ tal-istess cekk, liema flus kienu mehuda indebitament u minghajr awtorizzazzjoni tal-istess attur oltre l-imghax legali mit-3 t’Ottubru, 2001.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Settembru, 2002, tas-26 ta' Settembru, 2002 u tas-27 t' Awissu, 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra wkoll in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta:

"Illi c-cheque imsemmi fl-avviz irrizulta illi kien falsifikat u ghalhekk il-bank konvenut kellu kull dritt illi jerga jiddebita l-import tieghu lill-attur.

Subordinatament u minghajr pregudizju, fuq il-voucher (Dok A) li permezz tieghu l-attur iddepozita l-istess cheque hemm miktub u ghalhekk gie miftiehem bejn il-partijiet illi l-Bank jirriserva dritt illi jiddebita l-klijent f'kaz illi c-cheque ma jigix onorat, kif gara fil-kaz prezenti.

Subordinatament u minghajr pregudizzju, wara li l-attur kien jaf illi l-kont tieghu kien gie addebitat kif fuq spjegat peress li c-cheque kien iffalsifikat, huwa accetta li jiehu lura l-istess cheque minn ghand il-Bank, kif jirrizulta mill-anness Dok B.

Salv eccezzjonijiet ohra."

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, l-fatti principali li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti. L-attur kien iddepozita fil-kont tieghu mal-Bank konvenut, *cheque* mahrug minn certa Joanna Cottrell fuq The Bank of New York ghall-ammont ta' 4500 Dollari Amerikani. Ghaxar xhur wara, l-Bank konvenut ircieva informazzjoni li dak ic-*cheque* kien wiehed alterat u falsifikat u ghalhekk sar rovexxament tat-transazzjonijiet kollha inkluz li l-kont tal-attur kien debitat b'dan l-ammont. L-attur qed jilmenta mill-fatt illi la darba kienu ghaddew it-28 jum sabiex dan ic-*cheque* ikun *cleared* l-Bank ma

kellux dritt li jiddebita l-kont tieghu ghaxar xhur wara, u wara li ghadda l-istess ammont lil terzi;

Mill-assjem tal-provi, jemergu s-segwenti dettalji li huma ta' rrelevanza ghall-kaz in ezami. The Bank of New York ma onorax ic-*cheque* in kwistjoni ghaliex Joanna Cottrell ddikjarat permezz ta' affidavit illi dak kien alterat u falsifikat billi kien inhareg favur Cottars Cottage fl-ammont ta' 150 Dollaru u mhux favur Jagrove Services Limited fl-ammont ta' 4500 Dollaru. Dwar kif dan ic-cheque spicca ghand l-attur, jemergi illi l-attur kien impjegat tas-socjeta' Jagrove Services Ltd li kellha kontriha diversi mandati ta' sekwestri. Fis-sena 2001, din is-socjeta' ghamlet biegh lid-ditta jew persuna Steven's Café ta' Kampala, Uganda, ta' ammont ta' *computer hardrives* u rceviet ic-*cheque* in mertu bhala hlas li wasal mill-Korea. Is-socjeta' Jagrove Services ma kellha ebda konnessjoni ma' jew konnoxxenza ta' Cottrell. Minhabba l-mandati ta' sekwestri, s-socjeta' Jagrove Services aggirat ic-*cheque* lid-direttur taghha Paul Berman u dan aggirah favur l-attur li da parti tieghu iddepozitah mal-Bank konvenut, u wara it-28 jum stabbilit ghal clarence dan gibed l-ammont depozitat u ghaddieh lil Jagrove Limited.

L-attur ressaq opinjoni ta' espert kaligrafu biex jipprova li dan ic-*cheque* kien wiehed awtentiku. Dan l-espert jghid illi ma kien hemm ebda alterazzjoni u falsifikazzjoni tal-firma tant li min iffirma c-*cheque* kien l-istess persuna li mela d-dettalji tieghu bl-istess pinna. Dwar dan il-kaz intqalu diversi hwejjeg fosthom li l-attur messu induna illi b'semplici *google search* fuq l-internet l-isem ta' Steven Mukasa, Uganda u computers ser itik rizultati ta' prattici kimeriki. Fil-fehma tal-Qorti, fl-ewwel lok l-perizja *ex parte* hija wahda fqira hafna u fit-tieni lok tqis illi m'ghandhiex tinoltra f'din id-direzzjoni ghaliex il-kwistjoni hawn devoluta tirrikjedi biss decizzjoni dwar jekk il-Bank konvenut kellux id-dritt illi jiddebita l-kont tal-attur sabiex jiehu lura l-flus gia mghoddija lill-attur;

Ezaminati l-asspetti kollha ta' dan il-kaz, hija l-fehma tal-Qorti illi l-kwisjtoni in dizamina hija wahda regolata *ex contractu* bejn il-partijiet. Kif tajjeb jirrileva l-Bank

konvenut, meta l-attur iddepozita c-*cheque* huwa ffirma id-Deposit Voucher li tinkorpora s-segwenti dikjarazzjoni: *Customers are advised that the Bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid or lost in transit (without loss of exchange where applicable) plus all charges.* Din id-dikjarazzjoni, accettata mill-attur, wahidha gia taghti lill-Bank konvenut mhux biss dritt ta' risarciment izda dritt li jiddebita l-kont tal-klijent kif fil-fatt ghamel. Dan id-dritt inghata lill-Bank konvenut minghajr ebda kundizzjoni;

L-ilment tal-attur izda jaggira fuq il-kwistjoni illi la darba kienu ghaddew it-28 jum ghall-*clearance* tac-*cheque*, l-Bank ma kellux dritt illi jiddebita l-kont kif ghamel. Il-Bank konvenut jilqa' ghal dan billi jressaq xhieda impjegati tieghu li jghidu illi dawk it-28 jum huma stabbiliti kwantu ghall-effetti esteri u mhux lokali f'liema kaz japplika terminu ferm aktar qasir, il-bank iqis dan it-terminu bhala accettabbli u wara liema huwa jaghti facilita' lill-klijent sabiex juza l-valur tal-ammont depozitat minkejja li ma jkunx ghadu ssarraf ic-*cheque* mill-bank traent. Il-Bank konvenut iccitta s-sentenza **Pmark Limited vs Lombard Bank Malta plc** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Frar 2005 in sostenn tat-tezi li it-trapass ta' 28 jum mid-depozitu tac-*cheque* m'humiex garanzija li dak ikun issarraf mill-Bank traent *cleared*. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat illi, il-Bank kellu d-dritt jinqeda bil-jedd li taghtih il-ligi fl-artikolu 140(1) u 193 tal-Kodici tal-Kummerc. F'dak il-kaz il-Bank kien informa lill-klijent illi c-*cheque* kien *cleared* u zmien wara rrizulta li dak ic-cheque ma kienx onorat u l-bank talab rifuzzjoni mill-klijent. Il-Qorti rreteniet illi meta l-Bank lokali informa lill-klijent li c-cheque kien *cleared,* izda b'daqshekk ma kienx qieghed jaghti garanzija tal-validita tieghu, ghax dik il-garanzija, skond il-ligi tinghata minn min jircievi l-hlas, mhux minn min ihallas;

Din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandiex tapplika l-insenjament emergenti mill-kawza citata ghall-kaz odjern u taqta' u tiddeciedi illi l-Bank kellu d-dritt *ex contractu* kif ukoll *ex lege* illi jiddebita l-kont tal-attur bl-ammont tac-

*cheque* li ma ssarrafx, liema *cheque* inghata lura lilu sabiex ifittex risarciment kontra min aggirah favur tieghu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------